MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 2572/1999/1

**Direttur Generali Tax-Xogholijiet**

**Vs**

**Visual and Sound Communications Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors ta' Visual and Sound Communications Limited** fejn gie premess

1. Illi s-socjeta' rikorrenti rceviet minghand id-Direttur Generali Tax-Xogholijiet ittra ufficjali fejn gew nfurmati li saret id-dikjarazzjoni a tenur ta' l-artikolu 466 (1) tal-Kap 12;

2. Illi l-pretenzjonijiet avvanzati mid-Direttur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont pretiz ma huwiex dovut ghaliex is-servizz inghata parzjalment u mhux kif miftiehem;

3. Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti qed topponi ghal din id-dikjarazzjoni ai termini ta' l-artikolu 466 (2) tal-Kap 12.

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti qieghda umilment titlob lil din wisq Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba maghmula mid-Direttur tax-Xogholijiet bhala wahda nfondata u dan taht kull provvediment ulterjuri li l-Qorti jidhrilha xieraq u opportun u joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li ebda ammont ma huwa dovut.

**Rat ir-risposta ta' l-intimati** fejn wiegbu li:

1. Illi l-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) huwa rapprezentanti l-ammont ta' *sponsorship* hekk kif imwieghed mill-istess socjeta' rikorrenti Visual and Sound Communications Limited, skond dokument hawn anness bhala Dok. "A".

2. Illi skond l-Artikolu 466 (2) d-debitur irid jipprova li l-ammont mitlub permezz ta' l-ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-artikolu 466 mhux dovut.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' Visual and Sound Communications Limited, rceviet diversi servizzi u beneficcji, li ghalihom ghadha ma hallset xejn mill-ammont hekk kif imwieghed.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

Rat in-noti tal-partijiet;

**PROVI**

Skond id-dokument A a fol. 7 kien sar ftehim dwar *sponsorship* bejn ir-rikorrenti u l-intimati fejn ir-rikorrenti kienu offrew is-somma ta’ Lm2,000 bhala *sponsorship* ghal diversi servizzi u beneficcji fosthom reklamar estensiv li kienu ser jircievu ghax *show* li kellu jsir f’Ta Qali fejn kellhom jattendu fost ohrajn Demis Roussous, Iron Maiden, Deep Purple, Status Quo u Fish.

Skond Massimo Ellul, li kien il-konsulent fil-kumitat organizzattiv, fost il-beneficcji, kien hemm li r-rikorrenti jkunu maghrufa bhala l-*official patron* tal-palk nazzjonali permezz ta’ reklamar fuq *billboard* u l-gazzetti. Din il-parti u partijiet ohra tal-ftehim gew onorati. Kien hemm ukoll li mis-sitt artisti barranin, hamsa minnhom kellhom imorru fizikament fl-istabiliment tar-rikorrenti f’Tas Sliema u hemmhekk jiffirmaw *autographs* u jiltaqghu mal-pubbliku. Gara pero’ li tnejn minn dawn cioe Deep Purple u Demis Roussous ma marrux minhabba raguni ta’ sahha, Roussous billi kien ma jifhlahx u Deep Purple billi kellhom il-bassista, David Morse bid-deni.
Skond Ellul, il-beneficcju li r-rikorrenti kellhom jiehdu kien wiehed bhala pakkett u ma kienx jinqasam. Il-fatt li jkollok gruppi bhal dawn fizikament prezenti fl-istabiliment tieghek ovvjament ghandu valur finanzjarju, li ghalkemm mhux kwantifikat, huwa mportanti wkoll.

Meta ghadda s-*show*, r-rikorrenti kienu gew mitluba biex jaghmlu l-pagament ta’ Lm2,000 li kienu offrew bhala *sponsorship* u r-rikorrenti Grace Borg kienet wiegbet (ara ittra a fol. 33) li ma kienitx qed taqbel li kellha thallas Lm2,000 billi tlett (fil-fatt kienu tnejn) artisti ma kienux attendew il-hanut taghha. Fic-cirkostanzi hija kienet qalet li lesta li thallas biss Lm1,000.

Dwar din il-kwistjoni ta’ mard ta’ l-artisti, Grace Borg giet mistoqsija jekk effettivament dawk it-tnejn li ma marrux il-hanut taghha, ma marrux minhabba raguni ta’ sahha, hi wiegbet “Jien ma naqbilx. Jien, l-opinjoni tieghi, dawn ma gewx ghaliex dawn rashom kbira hafna u ma riedux jaccettaw li jigu fl-istabiliment. L-erba artisti l-ohra, biex inkun *cruel* fiha, nghid li ma jiswew xejn… Il-*main artists*

ma gewx u Visual & Sound tilfet il-kredibitia' " (ara fol. 29 u 31).

Charles Camilleri c-chairman tal-Kumitat organizzattiv, ikkonferma li zewg artisti m'attendewx fl-istabiliment minhabba mard. Dak in nhar huma ma kellhom ebda ilmenti la bil-miktub u lanqas verbali mir-rikorrenti dwar dana. Billi dina kienet haga accidentali huma ma setghux jonoraw din il-parti tal-ftehim.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-ilment proprja tar-rikorrenti biex ma thallasx l-ammont intier kien minhabba n-nuqqas ta' attendenza ta' certi artisti fl-istabiliment taghhom (ara dok a fol. 33). Il-qbija ta' obbligazzjonijiet assunti mill-intimati gew onorati. L-intimati ghamlu l-ispejjez u l-*advertizing* li kellhom jaghmlu (ara fol. 34-40). Ir-rikorrenti ghalhekk qed tirrifjuta li thallas l-Lm2,000 kif mitluba.

Fil-kors tal-kawza Grace Borg xehdet ukoll li l-bilanc dovut huwa ta' Lm1,000 (ara fol. 54) u li hi ghamlet xi pagamenti. Izda r-rikorrenti ma gabet ebda prova li fil-fatt ghamel xi pagament ta' Lm1,000 u l-intimati, (ara xhieda Charles Camilleri a fol. 59), kienu kategorici li r-rikorrenti ma hallsu xejn. Id-dokumenti li hija ezibit a fol. 56 u 57 m'ghandhomx x'jasmu ma dina t-talba.

L-intimati qed jissottomettu li huma ma onorawx il-parti mill-ftehim billi l-mard li nqala' kien haga accidentali li fuqha huma ma kellhom ebda kontroll. Din kienet grajja ta' bla hsieb li ma kienitx fis-setgha taghhom li jikkontrollaw.

Grace Borg xehdet li z-zewg artisti li ma attendewx ghamlu hekk ghax huma rashom kbira, izda din hija asserzjoni gratuwita u bhala tali tibqa' konsidrata.

Skond il-ligi u gurisprudenza, "Id-debitur jibqa' dejjem responsabbili ghall-inadempiment ta' l-obbligazzjoni minnu assunta sakemm ma jippruvax li l-inadempiment kien dovut ghal kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li hu jibqa' dejjem tenut jekk l-

obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni mqabbdin minnu", Vol 37 p1 p 197.

Skond il-principji tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Vol 37 p 2 p 638; Vol 37 p 1 p 440.

Fil-kaz in ezami l-intimati ma kellhom ebda kontrol fuq kif ihossuhom artisti, jekk ikunu jifilhu jew le, u ghalhekk huma kienu gustifikati li jippretendu li jithallsu ta' l-isponsorship nonostante li huma ma onorawx parti mill-ftehim. Dak li gara lill artisti kien totalment indipendenti mill volonta' ta' intimati u mhux imputabbli lilhom.

Fil-fehma tal-Qorti dan ma kienx kaz ta' kundizzjoni rizoluttiva f'kuntratt li iggib fix-xejn raba kuntrattwali kif qed jippretendu r-rikorrenti. Fil-fatt fit-talba taghhom m'hemm ebda ndikazzjoni li huma qed jitolbu li jigi xjolt il-kuntratt.

Finalment il-Qorti hi tal-fehma wkoll li jkun gust li r-rikorrenti jinghataw kumpens b'sens ta' ekwita' ghall xi telf finanzjarju li huma setghu sofrew minhabba dana n-nuqqas, liema telf ir-rikorrenti ma kkawntifikawx izda li l-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* fis-somma ta' mitejn lira maltin (Lm200).

Fic-cirkostanza, u a termini tat-talba, l-Qorti tiddeciedi

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba tar-rikorrenti
salv dak li ntqal dwar il-kumpens dovut lir-rikorrenti.
Spejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------